V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9106 — Caisse des Dépôts et Consignations/Reden H2/Berroute)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 94/06)

1. Fil-5 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Il-Caisse des Dépôts et des Consignations ("CDC", Franza),

— Il-kumpanija Reden H2 (Franza), sussidjarja tal-grupp Reden Solar, ikkontrollata minn Eurazeo u InfraVia,

— SAS Berroute ("Berroute", Franza).

It-tranżazzjoni tikkonsisti fl-akkwist tal-kontroll konġunt, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, tal-impriza konġunta (joint venture, JV) Berroute mis-CDC u Reden H2, li diġà jikkontrollaw b'mod esklussiv Berroute.

Il-konċentrazzjoni tinkiseb permezz ta' akkwist ta' 49 % ta' ishma mis-CDC mill-kapital ta' Berroute.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CDC hija istituzzjoni pubblika li twettaq kompiti ta' interess ġenerali b'appoġġ għall-politiki pubbliċi mmexxija mill-Istat u hija attiva fil-ġestjoni ta' fondi privati. Hija twettaq ukoll attivitajiet permezz tas-sussidjarji tagħha fl-oqsma tal-enerġija u l-ambjent, il-proprjetà immobbli, l-investiment u s-servizzi;

— Reden Solar hija grupp ta' kumpaniji, li Reden H2 tagħmel parti minnu, attiv fis-settur tad-disinn, l-iżvilupp ta' proġetti, il-kostruzzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-impjanti fotovoltajċi. Il-kumpaniji prinċipali tiegħu, Eurazeo u InfraVia huma kumpaniji ta' investimenti;

— Berroute hija kumpanija għall-iżvilupp, il-kostruzzjoni, il-finanzjament u t-tħaddim tal-proġett għall-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' impjant tal-enerġija fotovoltajka li jinsab f'Saucats, Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9106 — Caisse des Dépôts et Consignations/Reden H2/Berroute

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË